PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

26.1.2011

B7-0078/2011 }
B7-0079/2011 }
B7-0080/2011 }
B7-0081/2011 }
B7-0087/2011 }
B7-0089/2011 } RC1

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tieħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:
Verts/ALE (B7-0078/2011)
PPE (B7-0079/2011)
GUE/NGL (B7-0080/2011)
S&D (B7-0081/2011)
ALDE (B7-0087/2011)
ECR (B7-0089/2011)

dwar is-sitwazzjoni fit-Tuneżija

**José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Elmar Brok, Cristian Dan Preda, Tokia Saïfi, Ernst Strasser, Michael Gahler, Vito Bonsignore, Elena Băsescu**
f'isem il-Grupp PPE-DE
**Adrian Severin, Véronique De Keyser, Pier Antonio Panzeri, Raimon Obiols, Carmen Romero López, Vincent Peillon, Richard Howitt, Kader Arif, Pino Arlacchi, Rosario Crocetta**
f'isem il-Grupp S&D
**Metin Kazak, Marielle De Sarnez, Marietje Schaake, Niccolò Rinaldi, Kristiina Ojuland, Ivo Vajgl**

f'isem il-Grupp ALDE
**Hélène Flautre, Franziska Katharina Brantner, Nicole Kiil-Nielsen, Barbara Lochbihler, Catherine Grèze, Frieda Brepoels, Malika Benarab-Attou, Judith Sargentini, Ulrike Lunacek, Isabelle Durant, François Alfonsi, Bart Staes, Jean-Paul Besset, Indrek Tarand, Margrete Auken, Michail Tremopoulos, Raül Romeva i Rueda, Heidi Hautala, Daniel Cohn-Bendit**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Charles Tannock, Emma McClarkin**
f'isem il-Grupp ECR
**Marie-Christine Vergiat, Patrick Le Hyaric, Willy Meyer, Jean-Luc Mélenchon, Elie Hoarau, Rui Tavares**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fit-Tuneżija**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-Tuneżija u b'mod partikolari r-riżoluzzjonijiet tiegħu tad-29 ta' Settembru 2005, tal-15 ta' Diċembru 2005 u tal-15 ta' Ġunju 2005,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranja bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom u r-Repubblika tat-Tuneżija, li daħal fis-seħħ f'Marzu 1998,

– wara li kkunsidra l-politika tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni fil-pajjiżi terzi adottata mill-Kunsill f'Diċembru 2005,

– wara li kkunsidra r-rapport tiegħu dwar il-klawsola dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-ftehimiet tal-Unjoni Ewropea, adottat fis-16 ta' Frar 2006,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2006 dwar it-tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (COM(2006)0726),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "l-Implimentazzjoni tal-Politika Ewropea dwar it-tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-2009, rapport dwar il-progress fit-Tunesija'' (COM(2010)207- SEC(2010)513),

– wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tuneżija,

– wara li kkunsidra r-rapport tiegħu dwar il-politika tal-Unjoni Ewropea favur id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem adottat fl-14 ta' Mejju 2010,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea wara t-8 laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Tuneżija, li saret fil-11 ta' Mejju 2010,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tas-Sna. Ashton, Rappreżentant Għoli tal-Unjoni, u tas-Sur Stefan Füle, Kummissarju Ewropew, dwar is-sitwazzjoni fit-Tuneżija, fit-13 ta' Jannar 2011 u fis-17 ta' Jannar 2011,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Sur Buzek, President tal-Parlament Ewropew, tas-17 ta' Jannar 2011 dwar is-sitwazzjoni fit-Tuneżija,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-protesti popolari u tal-massa li saru fil-pajjiż kollu b'segwitu għall-mewt ta' Mohammed Bouazizi, li ħaraq lilu nnifsu ħaj fis-17 ta' Diċembru 2010, wasslu għat-tluq tal-President Ben Ali fl-14 ta' Jannar 2011, u ppermettiet lill-poplu Tuneżin li jerġa' jsib il-libertà u jġib fit-tmiem ir-reġim stabbilit sa mill-1987 mill-President, illum imkeċċi, Ben Ali,

B. billi l-moviment paċifiku ta' protesta ġie repress vjolentement mill-forzi tal-ordni, u dan wassal għa; iktar minn mitt vittma,

C. billi titqies l-inkapaċità tal-Unjoni Ewropea li tiżviluppa politika barranija reali, koerenti u effikaċi reali fir-rigward tas-sħab tagħha; billi jinnota b'mod partikolari d-dgħufija tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-UE u t-Tuneżija u filwaqt li jenfasizza għal darba oħra t-talba tal-Parlament Ewropew li l-klawsoli dwar "id-drittijiet tal-bniedem" tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni jkunu akkumpanjati b'mekkaniżmu ta' implimentazzjoni effikaċi tal-klawsola; billi titqies għalhekk ir-reviżjoni tal-politika tal-viċinat meħtieġa li qed issir bħalissa,

D. billi l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tal-11 ta' Mejju 2010 fakkru lit-Tuneżija li r-riforma tal-ġustizzja hija element essenzjali biex it-Tuneżija tersaq verament lejn l-Unjoni Ewropea, bħalma huma l-pluraliżmu u l-parteċipazzjoni demokratika, il-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni u l-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-awtoritajiet Tuneżini ma rrispettaw l-ebda wieħed minn dawn l-impenji,

E. billi t-Tuneżija u l-Unjoni Ewropea kienu qed jiddefinixxu l-pjan ta' azzjoni għall-perjodu 2011-2016; billi dan il-proċess jeħtieġ impenn qawwi miż-żewġ naħat dwar it-totalità tal-kwistjonijiet, partikularment il-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali,

F. billi t-tama maħluqa minn tmiem ir-reġim awtoritarju fit-Tuneżija għal demokrazija stabbli tikkontribwixxi fl-affermazzjoni tal-istess aspirazzjoni għal popli oħra,

1. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-poplu Tuneżin li, imħeġġeġ minn aspirazzjonijiet demokratiċi leġittimi u l-bżonn ta' titjib fil-kondizzjonijiet soċjali u ta' aċċess għax-xogħol, mexxa lil pajjiżu lejn bidla politika storika; jifraħ f'dan ir-rigward tal-kuraġġ u d-determinazzjoni tiegħu ta' manifestazzjonijiet u jagħti l-kondoljanzi lill-familji tal-vittmi u s-solidarjetà lill-midruba;

2. Jikkundanna r-repressjoni u l-użu sproporzjonat tal-forza mill-forzi tas-sigurtà; jilqa' mill-banda l-oħra l-azzjonijiet tal-forzi armati li rrifjutaw li jisparaw fuq id-dimostranti; jitlob li tinbeda inkjesta indipendenti dwar l-inċidenti li għamlu bosta vittmi u li taw lok għal użu eċċessiv tal-forza matul dawn l-aħħar ġimgħat, kif ukoll dwar il-prattiki ta' korruzzjoni, u biex il-persuni responsabbli jinġiebu quddiem il-ġustizzja;

3. Jenfasizza l-importanza li l-forzi politiċi, soċjali, taċ-ċittadini u demokratiċi kollha fit-Tuneżija jiġu rrappreżentati fil-gvern Interim, billi b'dan il-mod biss jista' l-gvern mogħni bil-fiduċja tal-poplu u bil-leġittimità meħtieġa jipprepara għall-elezzjonijiet u għat-tranżizzjoni demokratika;

4. Jifhem l-inkwiet tal-poplu Tuneżin fir-rigward taż-żamma tal-poter min-naħa tal-ministri tar-reġim l-antik li kkollaboraw fir-repressjoni tal-protesti ta' dawn l-aħħar ġimgħat;

5. Jappoġġa bis-saħħa il-proċess demokratiku; jenfasizza l-importanza li jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex isiru l-elezzjonijiet, mill-aktar fis possibli, iżda fi żmien meqjus sabiex tkun tista' ssir l-organizzazzjoni tal-forzi ta' oppożizzjoni fit-totalità tagħhom

u l-libertà tal-istampa fil-livell nazzjonali, Assemblea Parlamentari ġdida responsabbli mit-twaqqif ta' Kostituzzjoni demokratika li tirrispetta l-ekwilibriju bejn il-poteri eżekuttivi u leġiżlattivi u l-indipendenza tal-poter legali; jitlob li l-forzi demokratiċi kollha jimpenjaw rwieħhom sabiex jirrispettaw il-pluraliżmu, il-libertà tal-kuxjenza u l-bidla demokratika bil-għan li jkunu jistgħu jipparteċipaw f'din l-elezzjoni; jilqa' f'dan ir-rigward ix-xoljiment tal-ministeru tal-informazzjoni u l-garanzija tal-libertà tal-espressjoni;

6. Jilqa' l-abbozz tal-liġi dwar l-amnestija ġenerali li għandha tippermetti l-liberazzjoni tal-ħabsin politiċi, ir-ritorn tal-opponenti tar-reġim, ir-rikonoxximent tal-partiti kollha tal-oppożizzjoni kif ukoll il-possibilità li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi jiġu rreġistrati;

7. Jitlob l-applikazzjoni immedjata min-naħa tal-UE tad-deċiżjonijiet ta' iffriżar tal-beni li nkisbu b'mod qarrieqi mill-familja Ben Ali u mill-qraba tagħhom; jilqa' l-isforz magħmul mill-awtoritajiet li jroddu lill-Istat il-beni mobiljari u immobiljari tal-partit RCD;

8. Jilqa' t-twaqqif ta' tliet kumitati, kull wieħed ippresjedut minn personalitajiet indipendenti u rrispettati, dwar ir-riforma istituzzjonali u r-riforma tal-liġijiet istituzzjonali, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-avvenimenti li seħħew wara s-17 ta' Diċembru; jenfasizza l-fatt li dawn il-kumitati għandhom ikunu jistgħu jaħdmu f'indipendenza totali u għandu jkollhom poter ta' inkjesta reali; iqis li hu neċessarju li, meta jkunu jixtiequ, il-kumitati jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-ħila esperta u mill-appoġġ tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem u mill-mekkaniżmi pertinenti tan-Nazzjonijiet Uniti;

9. Jitlob lir-Rappreżentant Għoli sabiex jippromwovi t-twaqqif ta' taskforce, bil-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew, li tissodisfa l-bżonnijiet ta' segwitu tal-proċess ta' tranżizzjoni demokratika kif espressi mill-protagonisti tal-bidla demokratika, partikularment fir-rigward tal-preparazzjoni għall-elezzjonijiet liberi u demokratiċi, l-appoġġ għall-ħolqien ta' partiti politiċi u l-iżvilupp ta' midja indipendenti, kif ukoll ir-rikostruzzjoni ta' apparat tal-Istat trasparenti u indipendenti mill-poter politiku u ġustizzja ġusta u indipendenti;

10. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Viċi President jappoġġaw il-proċess elettorali li ġej billi jibagħtu fit-Tuneżija missjoni ta' osservazzjoni elettorali;

11 Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli tal-UE ikunu għalhekk lesti biex jorjentaw il-fondi mill-ġdid - u jekk ikun hemm bżonn issir żieda - tad-diversi strumenti finanzjarji ta' kooperazzjoni bejn l-UE u t-Tuneżija;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex jagħmlu provvista ta' appoġġ għat-Tuneżija f'forma ta' self b'rati ta' interessi ssussidjati sabiex jiddiversifikaw l-ekonomija Tuneżina u biex iż-żgħażagħ jingħataw prospetti ta' impjiegi bi kwalifiki, fil-qafas ta' kuntratt ta' żvilupp ġenwin li jipproteġi l-investimenti ta' prodotti lokali u barranin;

13. Jitlob lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi, anke finanzjarjament, l-appoġġ u l-għajnuna li s-soċjetà ċivili Ewropea tista' ġġib lis-soċjetà ċivili Tuneżina, partikularment l-assoċjazzjonijiet tad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u lis-sieħba soċjali;

14. Jitlob lill-Unjoni Ewropea biex minnufih tislet il-lezzjonijiet mill-eżempju Tuneżin u tirrevedi l-politika ta' appoġġ tagħha għad-demokrazija u għad-drittijiet tal-bniedem, billi tistabbilixxi mekkaniżmu li jippermetti l-implimentazzjoni tal-klawsola tad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet kollha mal-pajjiżi terzi; jinsisti biex ir-reviżjoni tal-Politika tal-Viċinat tagħti l-prijorità lill-kriterji relatati mal-indipendenza tal-ġustizzja, ir-rispett tal-libertajiet fundamentali, il-pluraliżmu u l-libertà tal-istampa, kif ukoll il-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jitlob li jkun hemm koordinazzjoni aħjar mal-politiki l-oħra mmexxija mill-Unjoni ma' dawn il-pajjiżi;

15. Iqis li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-tisħiħ tal-istat tad-dritt fil-pajjiżi terzi huma kriterji fundamentali biex jiġu ssodisfati l-aspirazzjonijiet tal-popli u biex jiġi attirat l-investiment barrani;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Assemblea Parlamentari tal-Unoni għall-Mediterran, kif ukoll lill-gvern Interim u lill-parlament Tuneżini.